# ID-DAWL

MARZU 2022 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 51

"Żgur li dawk kollha li jemmnu huma aħwa. Mela agħmlu paċi bejn ħutkom, u ibżgħu minn Alla biex tiksbu l-ħniena."



L-Iżlam u d-Demokrazija | Il-Kriżi Russa-Ukrena | In-Nisa huma Oppressi? | Gwerra jew Paċi?

F’Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# L-IŻLAM U D-DEMOKRAZIJA

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Fis-26 ta’ Marzu 2022 il-poplu Malti se jivvota fl-elezzjoni ġenerali. Dan huwa eżerċizzju demokratiku fejn il-poplu jiddeċiedi min se jkun qed imexxih fil-mandat ta’ ħames snin li ġejjin.

L-Iżlam jagħti lin-nies għażla ħielsa biex jadottaw kwalunkwe sistema ta’ gvern li tixraqilhom. Madankollu, il-Koran Imqaddes jippreżenta żewġ prinċipji ta’ governanza: (i) ġustizzja assoluta, u (ii) il-konsultazzjoni reċiproka.

> **“Alla jamarkom biex tafdaw ir-responsabbiltà tat-tmexxija f’idejn dawk li huma denji tagħha, u dawk minnkom li ssiru mexxejja, għandhom jirrenjaw b’mod ġust; Alla jwiddibkom b’dak li huwa eċċellenti, tassew Huwa Jisma’ Kollox, Jara Kollox.” (4:59) “Dawk li jisimgħu lil Sidhom, u josservaw it-talb, u li l-affarijiet tagħhom jiġu deċiżi b’konsultazzjoni reċiproka.” (42:39)**

Sakemm jiġu implimentati dawn iż-żewġ prinċipji ta’ ġustizzja assoluta u konsultazzjoni reċiproka—bħalma għamel il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] f’Medina—l-Iżlam jagħti lin-nies is-setgħa li jiżviluppaw il-forma ta’ gvern li jagħżlu huma.

## ID-DAWL

Marzu 2022 – Numru 51 – Pubblikazzjoni ta’
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

| | |
|---|---|
| Islam and Democracy | 02 |
| Russia-Ukraine Crisis | 04 |
| Global Conflict | 05 |
| Are Women Oppressed? | 06 |
| War or Peace? | 08 |

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** MoreThanPicture | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira


I'm friday | Shutterstock

Ta' min jinnota li minħabba r-rekwiżiti tal-Iżlam ta' ġustizzja assoluta u konsultazzjoni reċiproka, bħala definizzjoni l-Iżlam jippreferi sistema demokratika ta' gvern fejn il-pubbliku jingħata l-għażla li juża d-dritt tal-vot tiegħu biex jagħżel il-mexxejja tiegħu. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] ta prinċipju tad-deheb li għandu jkun prinċipju ta' gwida għal kull mexxej pubbliku biex jaqdi dmirijietu. Hu qal: "Il-mexxej ta' pajjiż huwa l-qaddej ta' dak in-nazzjon."

Il-mexxej il-veru tan-nies huwa dak li dejjem lest biex iservihom. Nemmen li kull mexxej li verament jaħseb li hu l-mexxej tal-poplu tiegħu, huwa importanti li dejjem ikun lest biex iservi l-poplu tiegħu, u dejjem jaħdem għall-interessi komuni u qatt ma jaħseb għall-interess personali u tal-qraba tiegħu meta jieħu d-deċiżjonijiet.

Kull persuna u kull mexxej li jmexxi n-nies, il-pajjiż, il-familja, eċċ., se jwieġeb quddiem Alla dwar dak kollu li għamel fil-ħajja tiegħu bħala l-mexxej jew ir-ragħaj. Il-mexxej tal-pajjiż li għandu r-responsabbiltajiet għandu jwieġeb quddiem Alla f'Jum il-Ħaqq. Il-mexxejja għandhom irwol importanti u responsabbiltà kbira fuq spallejhom, għalhekk, għandhom biex dejjem jaqdu dmirijiethom bl-aħjar mod possibbli u għandhom jonoraw l-għażla u l-fiduċja tan-nies.

# IL-KRIŻI RUSSA-UKRENA

Dwar il-kriżi Russa-Ukrena, il-Kap Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, il-Ħames Kalif, il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad[aba] stqarr:

"Għal ħafna snin, jiena wissejt il-qawwiet maġġuri tad-dinja biex jitgħallmu mil-lezzjonijiet tal-istorja, partikolarment miż-żewġ gwerer dinjin li seħħu fis-seklu għoxrin, li ħallew katastrofi u devastazzjoni totali. F'dan ir-rigward, fl-imgħoddi, ktibt l-ittri lill-mexxejja ta' diversi nazzjonijiet biex inħeġġiġhom iwarrbu l-interessi nazzjonali u personali tagħhom ħalli jenfasizzaw il-paċi u s-sigurtà fid-dinja billi jimplimentaw il-ġustizzja vera f'kull saff tas-soċjetà. B'dispjaċir kbir issa bdiet gwerra fl-Ukrajna u għalhekk is-sitwazzjoni saret serja u prekarja ħafna. Barra minn hekk, din is-sitwazzjoni għandha ċans teskala aktar jiddependi mid-deċiżjonijiet li se jieħu l-gvern Russu, u r-rispons tan-NATO u l-qawwiet maġġuri. **Bla dubju ta' xejn, il-konsegwenzi tal-iskalar tal-ġlied se jkunu orribbli u tal-waħx. U għalhekk, f'dan il-mument kritiku għandu jsir kull sforz possibbli biex ma jiżdidux il-ġlied u l-vjolenza. Għad hemm ħin għad-dinja biex tersaq lura mix-xifer ta' diżastru** u għalhekk, għall-ġid tal-umanità, inħeġġeġ lir-Russja, lin-NATO u l-qawwiet maġġuri kollha biex jgħaqqdu l-isforzi kollha tagħhom ħalli jtemmu dan il-kunflitt u jaħdmu għal soluzzjoni paċifika permezz tad-diplomazija.

Bħala Kap tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, nista' biss niġbed l-attenzjoni tal-mexxejja politiċi tad-dinja biex jaħdmu għall-paċi fid-dinja u jwarrbu l-interessi nazzjonali u l-mibegħda għall-ġid tal-benesseri tal-umanità kollha. B'hekk, hija t-talba sinċiera tiegħi li l-mexxejja tad-dinja jaġixxu bis-sens u l-għaqal u jistinkaw għat-titjib tal-umanità.

Jiena nitlob li l-mexxejja tad-dinja jħabirku b'ħerqa biex iħarsu u jipproteġu lill-umanità, kemm illum kif ukoll fil-ġejjieni, mill-qerda li ġġib il-gwerra, mit-tixrid tad-dmija u l-vjolenza. U għalhekk, mill-qiegħ ta' qalbi, nitlob lill-mexxejja tal-qawwiet maġġuri u

l-gvernijiet tagħhom biex ma jiħdux passi li jservu biex jeqirdu l-ġejjieni tat-tfal tagħna u l-ġenerazzjonijiet futuri. Għall-kuntrarju, kull sforz u tħabrika tagħhom għandha tassigura li aħna nħallu lil ta' warajna dinja ta' sliem u prosperità.

Jiena nitlob li l-mexxejja tad-dinja jagħtu kas tal-bżonn tal-mument u jistmaw, fuq kollox, l-obbligazzjoni tagħhom li jassiguraw il-paċi u l-istabbiltà fid-dinja. Jalla Alla l-Omnipotenti jipproteġi lil dawk in-nies kollha innoċenti u bla difiża u jalla ssaltan fid-dinja l-paċi dejjiema. Ammen."

## IL-KUNFLITT GLOBALI

"Is-sitwazzjoni attwali fid-dinja hija estremament prekarja u hemm periklu serju li l-kriżi (bejn ir-Russja u l-Ukrajna) teskala u tinfirex ma' kullimkien. Bla ebda dubju, is-sitwazzjoni mhix marbuta ma' pajjiż wieħed biss; anzi, ħafna pajjiżi jkunu aktar involuti jekk il-kunflitt ikompli jiħrax. L-impatt tiegħu se jkun katastrofiku u l-konsegwenzi terribbli tiegħu se jidwu u jħallu impatt fuq il-ġenerazzjonijiet futuri. **Għalhekk, nitlob biex Alla jgħin lill-umanità tirrikonoxxi lil Alla Omnipotenti u biex jieqfu jilagħbu bil-ħajjiet ta' nies innoċenti sempliċement biex iħarsu l-interessi materjali tagħhom.**

Aħna, bħala Musulmani Aħmadin, nistgħu biss nitolbu u nfittxu li niggwidaw lill-umanità u aħna dejjem hekk għamilna u dejjem se nibqgħu nagħmlu hekk. Bla dubju, f'dan il-mument, il-Musulmani Aħmadin għandhom jitolbu b'fervur kbir għall-paċi fid-dinja. Jalla Alla l-Omnipotenti jsalva lill-umanità mill-istat ta' gwerra li skoppjat il-għaliex jekk is-sitwazzjoni teħżien il-konsegwenzi tremendi jkunu tali li lanqas biss nistgħu nimmaġinawhom. Nistgħu nitolbu biss li Alla l-Omnipotenti jsalva lill-umanità." Ammen.

**MIRŻA MASROOR AĦMAD**
*Khalifa-tul-Masih V*[aba] – Il-Mexxej tal-Komunità
Ahmadiyya Musulmana Dinjija

# IN-NISA HUMA OPPRESSI FL-IŻLAM?

**Maria Mahmood, BSc Psychology**

L-Iżlam huwa kodiċi ta' ħajja kompleta u komprensiva li tkopri l-aspetti kollha tal-ħajja umana min-nieqa sal-qabar. Biex nifhmu d-drittijiet, l-unur, id-dinjità u l-qagħda tan-nisa fl-Iżlam, irridu nifhmu kif in-nisa kienu ttrattati qabel il-miġja tal-Iżlam. Dak iż-żmien, kienu meqjusa daqs l-ilsiera u ħafna drabi l-qagħda tagħhom kienet agħar minn tal-annimali. Xi tribujiet fl-Arabja Sawdita kienu anki jidfnu t-trabi tat-twelid bniet ħajjin għaliex kienu meqjusa bħala problema u diżunur għall-familja. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] temm kull tip ta' tortura, krudeltà u inġustizzja lejn in-nisa billi tahom id-drittijiet kollha dovuti lilhom f'kull qasam tal-ħajja.

Huwa bil-miġja tal-Iżlam li l-qagħda tan-nisa tjiebet u l-importanza tagħhom fis-soċjetà ġiet enfasizzata. L-Iżlam ta lin-nisa d-drittijiet umani fundamentali tagħhom f'soċjetà li lanqas biss kienet tqishom bħala bnedmin ugwali, u tahom ukoll drittijiet soċjali u ekonomiċi li l-ebda reliġjon oħra qatt ma kkunsidrat qabel.

**Il-Koran Imqaddes dejjem inkoraġġixxa li n-nisa jiġu ttrattati b'rispett, ġenerożità u mħabba (4:20). Barra minn hekk, fil-perjodu taż-żwieġ, l-Iżlam ordna li: "Agħtu lin-nisa d-doti tagħhom b'rieda tajba"** (4:5). Raġel irid jagħti lil martu l-leġittma, u m'għandu l-ebda dritt fuq dawn il-flus ladarba tirċevihom. Kull proprjetà li mara takkwista bis-saħħa tat-tħabrik tagħha, jew għax tiritha jew tirċeviha bħala rigal, din tkun esklussivament tagħha. Raġel m'għandux id-dritt li jindaħal fil-maniġment jew l-amministrazzjoni tal-proprjetà ta' martu sakemm hi ma tħallihx bil-volontà tagħha stess. Barra dan, wieħed irid jifhem li l-Iżlam jipproteġi lin-nisa b'tali mod li dawn ma jkunux imgħakksa bl-ebda mod. Mara m'għandha tikkontribwixxi xejn għaż-żamma tal-familja tagħha; din ir-responsabbiltà hija tar-raġel anki f'dawk iċ-ċirkustanzi fejn il-mara tkun f'pożizzjoni finanzjarja aħjar.




Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] wissa lill-Musulmani, **"L-aqwa fostkom huma dawk li jittrattaw l-aħjar lin-nisa tagħhom."** Dan juri li l-irġiel huma mħeġġa biex ikollhom relazzjoni tajba man-nisa tagħhom billi jħarsu l-aspetti emozzjonali, mentali, fiżiċi u spiritwali tagħhom. Il-Messija Mwiegħed[as] fisser dan b'aktar dettall u qal li, **"Ir-relazzjoni bejn raġel u mara għandha tkun bħal ta' żewġt iħbieb ġenwini u sinċiera,"** dan huwa mod sabiħ ta' kif wieħed ifisser ir-relazzjoni matrimonjali fl-Iżlam.

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] ippromwova wkoll l-aċċess ugwali għall-edukazzjoni, billi għallimna li, **"L-insegwiment tal-għarfien huwa dmir ta' kull Musulman, raġel u mara."** It-tifla tiegħu stess, Ħażrat Fatima[ra], kienet edukata u rispettata ħafna; kull meta kienet tidħol fil-kamra, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien iqum bilwieqfa bħala sinjal ta' mħabba u rispett, u jagħti s-siġġu tiegħu lilha. Dan huwa l-livell ta' rispett li l-Profeta Qaddis[sa] tal-Iżlam wera lin-nisa.

Barra minn hekk, l-Iżlam ta lill-ommijiet pożizzjoni għolja ferm. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] stqarr, **"Il-ġenna tagħkom tinsab taħt saqajn ommkom."** Fid-dawl tar-rakkont tal-Iżlam imsemmi hawn fuq, wieħed malajr jista' jikkonkludi li n-nisa mhux biss jingħataw id-drittijiet fundamentali tagħhom iżda huma wkoll meqjusa bħala parti importanti u integrali tas-soċjetà li jridu jiġu rispettati u protetti.

# GWERRA JEW PAĊI?

Dawn l-aħħar ġranet id-dinja kienet ixxukkjata dwar l-attakki Russi fuq l-Ukrajna, u rajna l-kruha tal-gwerra li rriżultat f'ħafna vittmi innoċenti u ħsara infrastrutturali. Ma' kull jum li jgħaddi, il-gwerra qed tiskala u s-sitwazzjoni qed tmur għall-agħar. Sfortunatament, smajna wkoll sejħiet ta' gwerra nukleari. Imma nafu x'se jkunu l-konsegwenzi ta' gwerra nukleari? Kemm se tkun devastanti u qerrieda? Kemm ħsara se tagħmel lill-umanità u għall-ġenerazzjonijiet futuri? **X'tippreferi, gwerra jew paċi?**

Il-Qdusija tiegħu, Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, tkellem fil-fond dwar dan is-suġġett fil-kotba tiegħu. Biex taqra dawn il-kotba jekk jogħġbok żur: **www.ahmadiyya.mt**







**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**